# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Il-Munxar

IT-TMIEN LEĠISLATURA

Laqgħa Numru 20

It-Tlieta 25 t'Awwissu 2020

Il-Kunsill Lokali Il-Munxar iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Kunsill Lokali Il-Munxar, Triq Profs Ġuże' Aquilina, Il-Munxar, MXR 1012, Għawdex nhar it-Tlieta 25 t'Awwissu 2020 fil-5.00 ta' filgħaxija.

PREŻENTI:

Is-Sur Damien Spiteri – Sindku
Is-Sinjura Carmela Parnis – Viċi-Sindku
Is-Sur Mark Busuttil – Kunsillier
Is-Sur Joseph Cauchi - Kunsillier

ASSENTI B'APOLOĠIJA (Skont Ordni Permanenti 14A (3)):

Is-Sinjura Juliet Attard - Kunsillier

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Is-Sur Ryan Debrincat – Segretarju Eżekuttiv

Kunsill Lokali Il-Munxar

## Minuti

Is-Sindku s-Sur Damien Spiteri ppresjeda l-laqgħa.

### 20.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji;

20.1.1 Il-Kunsill irċieva ittra ta' apoloġija mill-Kunsillier is-Sinjura Juliet Rose Attard li ma setgħetx tattendi minħabba raġunijiet personali. Il-membri preżenti aċċettaw l-apoloġija.

### 20.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;

20.2.1 Billi l-minuti tal-laqgħa bin-numru 19 ġew ċirkulati minn qabel, dawn ġew meqjusa bħala moqrija.

20.2.2 Is-Sindku talab għal xi korrezzjonijiet li seta' kien hemm għall-minuti. Ma kienx hemm korrezzjonijiet għall-minuti.

20.2.3 Is-Sindku talab għall-approvazzjoni tal-minuti. Kulħadd kien favur u dawn il-minuti ġew approvati u ffirmati mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv.

### 20.3 Komunikazzjoni mis-Sindku;

20.3.1 Is-Sindku, is-Sur Damien Spiteri informa lill-membri dwar il-progress tal-proġett ta' restawr tat-Torri tax-Xlendi. Huwa qal li wara li l-kuntrattur kien għamel xi żmien wieqaf mix-xogħlijiet, minħabba li l-ħaddiema tiegħu kienu bil-vaganzi, ix-xogħol reġa' beda. Is-Sindku informa lill-membri li l-Perit tal-Kunsill fuq il-proġett ser jibgħat il-kontijiet skont l-iskeda tal-pagamenti l-ġdida hekk kif maqbul u iffirmat fl-*addendum* tal-kuntratt. Dwar dan il-proġett, is-Sindku informa lill-membri li saret laqgħa ma' Heritage Malta dwar it-talba tagħhom biex jiġu nstallati *CCTV cameras* mat-torri biex jissorveljaw iż-żona ta' fejn hemm il-bastiment tal-Feniċi fil-baħar. Huwa qal li l-Kunsill lest li jikkopera magħhom u kien hemm qbil mill-membri dwar dan.

20.3.2 Dwar il-proġett tal-Pjazza tal-Knisja, is-Sindku informa lill-membri li

Kunsill Lokali Il-Munxar

kemm Transport Malta kif ukoll l-Awtorita' tal-Ambjent u r-Riżorsi bagħtu lill-Kunsill li ma jsibux oġġezzjoni għall-permess mressaq mal-Awtorita' tal-Ippjanar PA/04252/20. Is-Sindku qal li mal-Awtorita' tal-Ambjent u l-Ippjanar sar kompromess li jitħawlu 27 siġra ġdida minbarra r-rilokazzjoni tad-9 siġar tal-*ficus* fil-*playingfield*. Il-Kunsill kien qed jipproponi li jsiru 14-il siġra ta' Ġuda ġodda fil-pjazza, tlett siġar taż-żebbuġ fi Triq Dun Spir Gauci, seba' siġar taż-żebbuġ fi Ġnien Ragalna u tlett siġar tal-bruk fix-Xlendi. Kien hemm qbil mill-membri għal dan. Dwar ir-rilokazzjoni tas-siġar eżistenti, saret applikazzjoni oħra speċifika mal-Awtorita' tal-Ambjent u r-Riżorsi li qed tiġi evalwata. Waħda mir-rekwiżiti ta' din l-applikazzjoni hi li l-Kunsill jappunta espert f'dan il-qasam biex ihejji rapport dettaljat dwar il-metodu li ser jintuża. Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżenta stima mingħand is-Sur Peter Calleja li tammonta għal €100.00. Kien hemm qbil mill-membri sabiex il-Kunsill juża s-servizzi tas-Sur Peter Calleja li huwa espert f'dan il-qasam u li għandu esperjenza simili fi proġetti kbar f'Malta.

20.3.3 Is-Sindku għarraf lill-membri li l-Kunsill għadu jistenna l-approvazzjoni għall-permess tal-proġett tax-xelters tal-pjazza mill-Awtorita' tal-Ippjanar. Il-Kunsill irċieva mis-Supretendenza tal-Wirt Kulturali (SCH) li ma jsibux oġġezzjoni u qed jistenna r-risposta ta' Transport Malta dwar dan il-permess. Is-Sindku ppropona sabiex minflok *railing* tal-ħadid madwar waħda mill-bokok, issir kurduna bil-madum biex il-ħġieġa tkun elevata mil-livell tal-pjazza minħabba l-problema tal-ilmijiet u għall-ventilazzjoni. Kien hemm qbil mill-membri dwar dan.

20.3.4 Is-Sindku informa lill-membri dwar l-applikazzjoni tal-Gozo Action Group Foundation fejn il-Kunsill ser ikun qed isebbaħ Triq L-Isqawi u l-ġnien li jinsab f'tarf l-istess triq, kif ukoll itella' xi attivitajiet bil-kollaborazzjoni tal-Munxar Falcons FC, is-Sezzjoni Żgħażagħ Pawlini Munxarin u l-Gozo Tourism Association. Fir-rigward ta' din l-applikazzjoni huwa qal li l-Kunsill kien talab *clearance* mill-Awtorita' tal-Artijiet iżda l-awtorita' qed topponi għat-tisbieħ tal-ġnien minħabba li għalkemm huwa pubbliku, qed titħallas il-kera tiegħu minn terzi persuni. Barra minn hekk huwa qal li qed jinġabru d-dokumenti kollha mitluba biex din l-applikazzjoni tiġi ffinalizzata u eventwalment tkun evalwata mill-bord ta' din il-fondazzjoni. Il-Kunsill innota dan.

20.3.5 Is-Sindku għarraf lill-membri dwar iż-żewġ applikazzjonijiet li l-Kunsill



Kunsill Lokali Il-Munxar

issottometta fir-rigward tal-Miżura 4.4 biex jiġu restawrati ħitan tas-sejjieħ.
L-ewwel applikazzjoni biex jiġu restawrati l-ħitan tas-sejjieħ fi Triq ix-Xadba ġiet approvata u ġie ffirmat il-ftehim mal-*Managing Authority*. Is-sejħa għall-offerti ġiet pubblikata.
It-tieni applikazzjoni biex jiġu restawrati l-ħitan tas-sejjieħ f'diversi toroq oħra fil-lokalita' għadha qed tiġi evalwata iżda l-Kunsill ġie nfurmat li ġonna pubbliċi m'humiex eliġibbli għalhekk intalbu xi reviżjonijiet tad-dokumenti sottomessi.
Il-membri tal-Kunsill innutaw dan.

20.3.6 Is-Sindku għarraf lill-membri dwar xi laqgħat li attenda dan l-aħħar jiem fosthom ma' Transport Malta rigward Triq il-Munxar u Pjazza Anfori fix-Xlendi rigward l-immaniġjar tat-traffiku f'dawn l-inħawi.

20.3.7 Is-Sindku informa lill-membri li kellu laqgħa wkoll mal-Perit li qed jagħmel l-istudji tal-proġett 'Slow Streets' imniedi mill-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali flimkien ma' entitajiet oħra pubbliċi. Is-Sindku qal li huwa ppropona sabiex dan l-istudju jsir fuq Triq San Pawl, il-parti li tagħti għall-Pjazza tal-Knisja, u, fuq xi żoni pedonali li jistgħu jsiru fix-Xlendi. Kien hemm qbil mill-membri dwar dawn il-proposti mressqa.

20.3.8 Is-Sindku għarraf lill-membri li rċieva suġġeriment sabiex it-triq ġdida, li qed tinfetaħ minħabba l-iżvilupp li qed isir, li tinsab bi dritt Triq L-Andrijiet, għandha tingħata l-isem "Triq it-Tin". Huwa qal li dan is-suġġeriment ingħata minħabba li f'dawk l-inħawi kien hemm diversi siġar tat-tin. Il-membri laqgħu dan is-suġġeriment u kien hemm qbil biex din it-triq il-ġdida tissemma "Triq it-Tin".

20.3.9 Is-Sindku informa lill-membri li l-Kunsill ġie mitlub mill-Kunsill Reġjonali Għawdex sabiex iressaq suġġerimenti jew proposti għall-*budget* tal-Gvern Ċentrali għas-sena 2021. Is-Sindku irrakkomanda sabiex il-Kunsill Lokali il-Munxar iressaq proposta sabiex il-bajja tax-Xlendi tiġi estiża billi jkun hemm estensjoni tar-ramel ta' din ix-xtajta. Kien hemm qbil mill-membri għal dan.

20.3.10 Is-Sindku informa lill-membri li bi qbil mal-Ministeru għal Għawdex u minħabba iż-żieda fil-każijiet attivi tal-COVID 19, il-programm t'attivitajiet għas-Sajf fix-Xlendi "I Love Xlendi" kellu jiġi emendat. Dawn l-emendi u l-miżuri ta' prekawzjoni wasslu biex il-wirjiet artistiċi mill-gruppi u mill-kantanti jiġu kkanċellati filwaqt li l-fjakkolati jiżdiedu

Kunsill Lokali Il-Munxar

minn darba fil-ġimgħa, kull nhar ta' sibt, għal darbtejn fil-ġimgħa kif ukoll fil-jiem tal-festa liturġika fix-Xlendi l-fjakkolata ssir kuljum. Kien hemm qbil mill-membri preżenti.

20.3.11 Is-Sindku ressaq proposta mressqa mis-Sezzjoni Armar Munxar sabiex issir toqba ġdida għall-antarjol fi Triq Damasku. Kien hemm qbil mill-membri dwar dan.

20.3.12 Is-Sindku għarraf lill-membri li preżentament hemm applikazzjoni ta' żvilupp quddiem l-Awtorita' tal-Ippjanar dwar bini ta' lukanda ġdida fi Triq San Xmun u li tinfed ukoll ma' Triq Puniċi. Huwa ssuġġerixxa sabiex il-Kunsill jibgħat ittra lill-Awtorita' tal-Ippjanar sabiex l-iżvilupp li ser isir jimxi skont il-*policies* tal-istess awtorita' biex nippreservaw il-karetteristiċi li għad fadal tal-bajja tax-Xlendi biex din il-bajja ma tibqax tifga b'dan il-bini eċċessiv. Kien hemm qbil mill-membri preżenti.

## 20.4 Mistoqsijiet mill-Kunsilliera;

20.4.1 Il-Viċi Sindku, is-Sinjura Carmen Parnis, ressqet suġġeriment sabiex il-marki stradali ta' Triq San Pawl jerġgħu jinżebgħu minħabba li m'għadhomx jidhru. Kien hemm qbil dwar dan.

20.4.2 Il-Viċi Sindku, is-Sinjura Carmen Parnis, ressqet suġġeriment f'isem residenta sabiex jiġi nstallat *dog litter bin* fi Triq Ta' Rinota. Wara diskussjoni dwar dan, minħabba li l-ebda resident ma jixtieq li jkollu dan it-tip ta' *bin* qrib ir-residenza tiegħu, kien hemm qbil sabiex terġa' tiġi avviċinata r-residenta biex jiġi determinat fejn qiegħda tissuġġerixxi li dan jiġi nstallat.

20.4.3 Il-Viċi Sindku, is-Sinjura Carmen Parnis, staqsiet dwar l-organizzazzjoni tat-trasport min-naħa tal-Kunsill għall-ħarġiet li kienu jsiru għall-anzjani bħala parti mill-attivitajiet imtella miċ-ċentru għal matul il-jum, li kienu jsiru kull nhar ta' Ġimgħa ġewwa l-kunvent tas-sorijiet. Is-Sindku għarraf lill-membri li kien hemm ftehim iffirmat li ilu skadut sa mill-2018. Kien hemm qbil mill-membri sabiex jiġi analizzat il-kontenut ta' dan il-ftehim.

20.4.4 Il-Kunsillier, is-Sur Mark Busuttil, ġibed l-attenzjoni tal-Kunsill dwar l-iskart li qed jintefa' illegalment fi Triq iż-Żirżieb k/m Triq ir-Ranċiż

Kunsill Lokali Il-Munxar

ġewwa x-Xlendi. Huwa qal li anke ġrieden qed ikun hemm qalb l-iskart. Is-Sindku wieġeb li l-Kunsill informa lid-Dipartiment tas-Sanita' fi ħdan il-Ministeru Għal Għawdex dwar din il-problema, kif ukoll qed issir pressjoni mal-Ministru Byron Camilleri kif ukoll mal-entitajiet kollha tal-infurzar biex din il-kwistjoni tissolva darba għal dejjem. Il-Kunsillier Mark Busuttil faħħar il-progress li sar mill-Kunsill flimkien mal-iskema Green MT dwar il-problema simili ġewwa Pjazza Anfori ħdejn il-*bring-in-sites* fejn ir-rimi ta' skart illegali naqas drastikament. Huwa qal ukoll li hemm problema oħra ta' rimi ta' skart goff fi Triq Puniċi fix-Xlendi.

20.4.5 Il-Kunsillier, is-Sur Joseph Cauchi, ressaq talba sabiex issir bankina ġdida fi Triq Rinota. Kien hemm qbil mill-membri biex issir it-talba fis-sistema tal-Ministeru Għal Għawdex.

20.4.6 Il-Kunsillier, is-Sur Joseph Cauchi, fakkar dwar żewġ proposti mressqa biex jitranġa il-passaġġ għall-bdiewa fi Triq San Pawl, kif ukoll il-bozza LED il-ġdida fi Triq Ta' Luvier. Is-Sindku wieġeb li x-xogħol fuq il-passaġġ għall-bdiewa ta' Triq San Pawl ġie approvat biex isir bil-għajnuna tal-Ministeru Għal Għawdex, filwaqt li l-bozza LED ta' Triq Ta' Luvier ser tiġi nstallata fil-jiem li ġejjin mill-kuntrattur tal-Kunsill. Dwar Triq Ta' Luvier, is-Sur Joseph Cauchi qal li hemm residenta faċċata ta' din it-Triq li qed toħroġ kull tip ta' skart quddiem il-bieb tagħha meta ma tkunx il-ġurnata li fiha jinġabar dak it-tip ta' skart. Kien hemm qbil mill-membri sabiex tintbagħat ittra personalizzata lil din ir-residenta biex tgħarrafha dwar il-ħinijiet u l-ġranet tal-ġbir tal-iskart.

## 20.5 Ir-Rapport Finanzjarju tat-Tlett Xhur: Jannar 2020 – Ġunju 2020;

20.5.1 Is-Segretarju Eżekuttiv poġġa fuq il-mejda tal-kamra r-rapport finanzjarju tat-tlett xhur mill-1 ta' Jannar 2020 sal-30 ta' Ġunju 2020.
Wara spjega tar-rapport u diskussjoni bejn il-membri, ir-rapport finanzjarju tat-tlett xhur : Jannar 2020 – Ġunju 2020 ġie approvat unanimament mill-membri preżenti u ffirmat mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv.

Kunsill Lokali Il-Munxar

## 20.6 Korrispondenza, ilmenti / suġġerimenti;

20.6.1 DLG Direttiva 04/2020 – Użu tal-Internet Banking. Il-membri tal-Kunsill innutaw il-kontenut u kien hemm qbil sabiex tittieħed l-azzjoni meħtieġa skont din id-direttiva.

20.6.2 DLG Direttiva 05/2020 – Depożitu ta' Flus fil-Banek. Il-membri tal-Kunsill innutaw il-kontenut u kien hemm qbil sabiex tittieħed l-azzjoni meħtieġa skont din id-direttiva.

20.6.3 DLG Ċirkulari Numru 6/2020 – Kuntratti dwar Ġbir tal-Iskart. Il-membri tal-Kunsill innutaw il-kontenut. Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-membri li ntbagħtet l-informazzjoni mitluba f'din iċ-ċirkulari.

20.6.4 Il-Kunsill irċieva korrispondenza mill-Arts Council Malta sabiex jinfurmaw lill-Kunsill li l-applikazzjoni mressqa għall-fondi kulturali taħt l-iskema "Premju tal-President għall-Kreattivita" ma kkwalifikatx għal dawn il-fondi.

20.6.5 Il-Kunsill irċieva korrispondenza mingħand Transport Malta bi tnedija tal-kompetizzjonijiet annwali tal-European Mobility Week li nħarġu minn Transport Malta flimkien mal-Ministeru tat-Trasport, Infrastruttura u Proġetti Kapitali. Wara diskussjoni bejn il-membri dwar dan, ġie deċiż sabiex il-Kunsill japplika bi proposta sabiex tiġi akkwistata vann taħdem bl-elettriku għal użu tal-komunita' biex iżżid l-aċċessibilta' fost ir-residenti kollha.

20.6.6 Il-Kunsill irċieva notifika li ser jinżamm is-smiegħ tal-appell 00480/18 nhar il-Ħamis 30 ta' Lulju 2020 tal-applikazzjoni għall-iżvilupp PA/02406/18 biex issir demmiela fil-limiti tal-Munxar. Is-Sindku għarraf lill-membri li huwa flimkien mal-Avukat tal-Kunsill Dr Stafrace, il-Perit Scerri għall-Kunsill Lokali Ta' Sannat, kif ukoll il-Perit Cacopardo li kien qed jirrappreżenta terzi persuni, attendew għal dan is-smiegħ virtwali. Il-Perit Cacopardo talab sabiex iċ-*Chairperson* ta' dan it-tribunal jirrikuża ruħu milli jisma' dan l-appell minħabba li kien parti fil-bord għas-sentenza mill-Awtorita' tal-Ippjanar. Iċ-*Chairperson* laqa' din it-talba biex jirrikuża ruħu u dan is-smiegħ ġie diferit għall-5 ta' Novembru 2020. Il-Kunsill innota l-kontenut.

20.6.7 Il-Kunsill irċieva korrispondenza mingħand l-Awtorita' tad-Djar dwar il-binja tal-Kunsill Lokali. Din l-awtorita' qed tisħaq li wara li rċeviet id-

Kunsill Lokali Il-Munxar

dokumenti min-naħa tal-Pulizija juru biċ-ċar li din il-binja ġiet mgħoddija lill-Pulizija biex tinbena Għassa f'din il-lokalita' bejn is-sena 1989 u l-1990. L-Awtorita' tad-Djar talbet lill-Kunsill Lokali dokumenti biex jissostanzja t-talba tal-Kunsill biex il-binja kollha bl-esklużjoni tal-kamra li tintuża bħala Għassa, tiġi mikrija lill-Kunsill Lokali. Wara diskussjoni dwar dan, minħabba li l-amministrazzjoni preżenti m'għandhiex għarfien dwar dokumenti li jinsabu l-Kunsill dwar dan is-suġġett, kien hemm qbil mill-membri preżenti sabiex tintalab gwida mid-Dipartiment tal-Kunsilli Lokali dwar dan il-każ.

20.6.8 Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżenta talba mingħand l-iskrivana tal-Kunsill sabiex tiżdied *notch* fl-iskala tagħha minħabba li għaddiet sena mill-bidu tal-impjieg tagħha. Kien hemm qbil mill-membri dwar dan f'konformita' mar-regolamenti tal-Kunsilli Lokali (riżorsi umani) tal-impjegati tal-Kunsill.

20.6.9 Il-Kunsill irċieva korrispondenza mingħand GreenMT sabiex jinfurmaw lill-Kunsill li minn Awwissu 2020 il-ġbir tal-ħġieġ bieb bieb ser jibda jkun kull l-ewwel Ġimgħa tax-xahar u li r-residenti għandhom jużaw il-kontenituri li kienu ġew provduti minn WasteServ Malta Ltd. Il-membri nnutaw il-kontenut. Is-Sindku għarraf lill-membri li diġa' kien tqassam avviż lil kull residenza dwar il-bdil tal-ġurnata tal-ġbir tal-ħġieġ u ġie deċiż sabiex jinħareġ avviż ieħor fuq il-paġna tal-*facebook* tal-Kunsill.

20.6.10 Il-Kunsill irċieva risposta mingħand il-Kap Eżekuttiv tal-Agenzija LESA s-Sur Zammit wara li l-Ministru responsabbli mill-infurzar għadda lilu t-talba tal-Kunsill sabiex jiżdied l-infurzar fix-Xlendi dwar ir-rimi ta' skart illegali. Is-Sur Zammit irrefera l-każ lill-uffiċċjal ta' din l-aġenzija responsabbli mir-reġjun t'Għawdex, is-Sur Mallia, u ser issir laqgħa bejn il-partijiet. Is-Sindku żied li huwa qed jagħmel pressjoni kbira mal-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali kif ukoll mal-Kunsill Reġjonali Għawdex u ser issir laqgħa mal-Minsiteru Għal Għawdex ukoll dwar dawn il-każijiet. Is-Sindku qal li ser issir talba wkoll lid-Dipartiment tal-Indafa Pubblika fi ħdan il-Ministeru Għal Għawdex biex jgħin fil-ġbir ta' dan l-iskart mormi illegalment. Il-membri tal-Kunsill innutaw dan.

20.6.11 Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq proposta quddiem il-membri sabiex is-servizz ċellulari tal-Kunsill jerġa' jsir b'kuntratt bażiku sabiex ma jkunx hemm il-bżonn li joqogħdu jinxtraw *topup cards* biex isir użu minnu meta ix-xogħol jirrikjedi dan. Kien hemm qbil mill-membri.

Kunsill Lokali Il-Munxar

20.6.12 MFCS - Premju Anzjanita’ Attiva. Il-Kunsill innota l-kontenut.

20.6.13 Ċirkulari Nru AKL 2020/085 – Komunikazzjoni AKL u ANSEK. Il-Kunsill innota l-kontenut.

20.6.14 Ċirkulari Nru AKL 2020/086 – *EU 2020 presidency conference on sport, major focus on local authorities and sport*. Il-Kunsill innota l-kontenut.

20.6.15 Ċirkulari Nru AKL 2020/087 – *Launch of Code Week 2020*. Il-Kunsill innota l-kontenut.

20.6.16 Ċirkulari Nru AKL 2020/088 – *Opportunity Knocks (OK) Project*, Aġenzija Appoġġ. Il-Kunsill innota l-kontenut.

20.6.17 Ċirkulari Nru AKL 2020/091 – BOV *upload payment file user manual*. Il-Kunsill innota l-kontenut.

20.6.18 Ċirkulari Nru AKL 2020/092 – *European Mobility Week Document*. Il-Kunsill innota l-kontenut.

20.6.19 Ċirkulari Nru AKL 2020/093 – *Training and capacity building opportunities for CLGF Mayors*. Il-Kunsill innota l-kontenut.

20.6.20 Ċirkulari Nru AKL 2020/094 – Illum ma’ Steph – Stedina lill-Kunsilli Reġjonali u Kunsilli Lokali. Il-Kunsill innota l-kontenut.

20.6.21 Ilment 15/2020
Titlob sabiex isiru metru *double yellow lines* kull naħa tad-*drive-in* li tinsab fi Triq il-Kantra. Kien hemm qbil mill-membri biex issir talba lill-Transport Malta.

20.6.22 Ilment 16/2020
Jissuġġerixxi sabiex Triq il-Kantra ssir *one-way*. Wara diskussjoni dwar dan is-suġġeriment, kien hemm qbil mill-membri biex issir konsultazzjoni mar-residenti ta’ Triq il-Kantra kif ukoll ta’ Triq it-Torri.

20.6.23 Ilment 17/2020
Titlob sabiex jerġgħu jinżebgħu l-marki stradali ta’ Triq Sant’Indrija fix-Xlendi minħabba li m’għadhomx jidhru. Kien hemm qbil mill-membri biex issir it-talba fis-sistema tal-Ministeru Għal Għawdex.

Kunsill Lokali Il-Munxar

20.6.24 Ilment 18/2020
Jitlob sabiex jerġa’ jinżebagħ il-parkeġġ tal-persuni b’diżabilita’ li jinsab fi Triq il-Madonna tal-Karmnu fil-Munxar. Wara diskussjoni bejn il-membri ġie nnutat li ż-żebgħa ta’ dan il-parkeġġ għadha fi stat tajjeb, u għalissa m’hemmx bżonn li din terġa’ tinżebagħ.

20.6.25 Ilment 19/2020
Jitlob biex issir rampa fil-bankina li hemm eżistenti mill-istess *bricks*. Kien hemm qbil mill-membri għal din it-talba.

20.6.26 Ilment 20/2020
Jitlob biex isiru metru *double yellow lines* kull naħa taż-żewġ garaxxijet ta’ residenza fi Triq Żgħawri, il-Munxar. Kien hemm qbil mill-membri biex issir talba lill-Transport Malta.

20.6.27 Ilment 21/2020
Jitlob biex isiru *double yellow lines* jew *keep clear* fl-entratura ta’ blokk t’appartamenti fi Triq iż-Żirżieb fix-Xlendi. Kien hemm qbil mill-membri biex issir talba lill-Transport Malta.

20.6.28 Wara talba mressqa mis-Sindku fil-laqgħa preċedenti biex isiru *double yellow lines* fuq naħa waħda ta’ garaxx fi Triq Ras il-Bajada, is-Sindku għarraf lill-membri li hekk kif maqbul f’dik il-laqgħa, huwa tkellem mar-residenti u ma sabux oġġezzjoni dwarhom. Kien hemm qbil li ssir talba lill-Tranpsort Malta.

Kunsill Lokali Il-Munxar

## 20.7 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iSkeda ta’ Pagamenti;

20.7.1 Skeda ta’ ħlasijiet bin-numru 20/2020-8 għall-perjodu bejn is-17 ta’ Lulju 2020 u l-21 t’Awwissu 2020 li tammonta għal €26,998.36 ġiet approvata u ffirmata.

## 20.8 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

20.8.1 Il-laqgħa tal-Kunsill intemmet fis-7.00 ta’ filgħaxija u bi qbil unanimu ġiet aġġornata għall-Ħamis 24 ta’ Settembru 2020 fil-5.00 ta’

filgħaxija.

Konfermati illum, il-Ħamis 24 ta' Settembru 2020.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| Damien Spiteri | Ryan Debrincat |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |

Kunsill Lokali Il-Munxar